**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 31/20/F

**Charles Ahar (KI 29080G)**

**vs**

**Power Plus Limited (C-68249)**

Illum, 4 ta' Jannar 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar is-17 ta' Frar 2020;

Ra li minkejja li l-azjenda intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smiegħ nhar it-3 ta' Lulju 2020 hija naqset milli tippreżenta Risposta;

Ra li wara diversi talbiet għal differiment minn naħa tal-azjenda intimata li dejjem ġew akkomodati, fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar 2022 it-Tribunal għamilha ċara li t-Talba kienet ser titħalla għas-sentenza jekk kemm il-darba l-azjenda intimata ma tippreżentax il-provi tagħha fis-seduta sussegwenti, u ċioè dik appuntata għas-16 ta' Mejju 2022. Fil-fatt, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2022 ħadd ma deher in rappreżentanza tal-azjenda intimata u t-Tribunal, *in linea* mal-verbal tas-seduta preċedenti, filwaqt li ddeplora l-assenza ta' rappreżentant tal-azjenda intimata għas-seduta, għadda sabiex jiddikjara l-istadju tal-provi tal-azjenda intimata magħluq u t-Talba tħalliet għas-sentenza;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' elfejn u disgħin Euro (€2,090.00) rappreżentanti danni sofferti mill-attur wara xiri ta' żewġ *solar water heaters* tal-marka Nuevosol għall-prezz ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600.00), liema heaters kienu difettużi, oltre spejjeż ammontanti għal erba mija u disgħin Euro (€490.00) mħallsa mir-Rikorrenti

lil individwi kkontrattati mill-azjenda intimata sabiex jagħmlu xogħlijiet ta' tiswija fuq iż-żewġ *solar water heaters.*

Illi fix-xhieda tagħha bil-ġurament, ir-Rikorrent spjega li huwa kien xtara l-heaters in kwistjoni fil-5 ta' Lulju 2018 u ħallas il-prezz tagħhom ta' €1,600 permezz ta' ċekk pagabbli lil ċertu Clayton Debono. Jgħid li ma ingħatax irċevuta mill-azjenda intimata. Wara sena bdew joħorġu difetti fil-heaters u huwa kien jitkellem ma ċertu Gordon minn naħa tal-azjenda intimata. Dan Gordon kien bgħatlu tekniċi *freelance* f'diversi okkażjonijiet iżda spiċċa ħallashom hu u ppreżenta dokumentazzjoni li turi dan. Ir-Rikorrent ippreżenta ukoll messaġġi mingħand Clayton Debono fejn fihom jgħid illi l-*heaters* għandhom jinbidlu, iżda minkejja dan qatt ma sar xejn minn naħa tal-azjenda intimata u r-Rikorrent ġie injorat. Spiċċa fi stat fejn l-apparat ma kien jiffunzjona xejn u fil-fatt għadu hekk sal-lum.

Illi xehdu ukoll Kevin Ahar u Frankie Ahar. Kevin Ahar ikkonferma li huwa kien ħareġ iċ-ċekk a favur Clayton Debono u li dan iċ-ċekk ġie fil-fatt imsarraf. Frankie Ahar xehed illikien he li kien jikkorrispondi ma Clayton Debono permezz tal-messaġġi. Ikkonferma li l-apparat illum ma jaħdem xejn.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*.

Illi l-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *"it-Tribunal jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità"*.

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed titlob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tiegħu bħala Konsumatur.

Illi t-Tribunal iqis li fuq il-bażi tal-provi prodotti, ir-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tiegħu skont il-liġi.

Illi intant, bis-silenzju tagħha, l-azjenda intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrent u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet.

In vista tal-provi miġjuba, jidher li l-*heaters* in kwistjoni huma *beyond repair* u allura ma hemmx lok li t-Tribunal jagħti l-fakoltà li l-azjenda intimata tiġborhom lura la tkun ħallset dak dovut minnha lir-Rikorrent skont din is-Sentenza.

**Deċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba hekk:**

1. **Filwaqt li jiddikjara l-kuntratt ta' bejgħ xolt a bażi ta' nuqqas ta' konformità gravi, jordna lill-azjenda intimata sabiex tirrifondi lir-Rikorrent is-somma ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600.00) rappreżentanti l-prezz imħallas lill-azjenda intimata għas-*solar water heaters* in kwistjoni;**

2. **Jordna ukoll lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' erba mija u disgħin Euro (€490.00) rappreżentanti spejjeż inkorsi mir-Rikorrent sabiex tiġi tentata t-tiswija tal-*heaters* difettużi.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu kollha a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***